**MALTA**
**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**SEDUTA TAS- 26 TA' FRAR 2019**

**AVVIZ NRU: 271/18SG**

**LUCIANO DEL FRATE**
**U**
**WENDY MCKAY**
**VS**
**TALAL NASER TALAL EL ABDULLAH**
**U**
**MTA PROPERTIES LTD**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tar-rikorrenti ghall-kundanna ta' l-intimati solidalment bejniethom ghas-somma ta' sebghat elef, disgha mija u sitt Ewro (EUR 7,906.00c) jew somma verjuri li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, previa okkorrendo l-hatra ta' periti jew esperti, rapprezentanti l-valur tax-xogholijiet ta' tiswija u tlestija mehtiega fil-fond 39, "Amira", Flat 3, Triq il-Hawt, is-Swieqi, ikkawzati mill-fatt li diversi xogholijiet fdati lill-intimati sabiex isiru minnhom fl-istess fond, ma sarux, jew jekk saru, ma sarux skont is-sengha u l-arti.

Wara li rat in-nota ta' mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b' hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-artikoli 698(2) u 702 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Billi ghalkemm notifikati regolarment l-intimati naqsu u ma dehrux, la fis-seduta tat-12 ta' Frar 2019 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

**Decide**

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda taqta' din il-kawza billi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma ta' ta' sebghat elef, disgha mija u sitt Ewro (EUR 7,906.00c) bl-imghaxx legali min-notifika ta' l-ittra ufficjali numru 1105/2018 ossija mit-2 ta' Gunju 2018 sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja numru 1105/18 tat-2 ta' April 2018 ghandhom jigu sopportati mill-intimati solidalment bejniethom.

**Dr Simone Grech LL.D.**
**Magistrat**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**